

Brussell, 29 ta' Mejju 2019  
(OR. en)

9310/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2017/0085(COD)**

---

**CODEC 1077**  
**EMPL 272**  
**SOC 361**  
**GENDER 20**  
**SAN 247**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri u għall-persuni li jindukraw u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2010/18/UE ( <b>l-ewwel qari</b> ) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

---

1. Fis-26 ta' April 2017, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta ta' hawn fuq<sup>1</sup>, ibbażata fuq l-Artikolu 153(2)(b) u l-Artikolu 153(1)(i) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fis-6 ta' Diċembru 2017<sup>2</sup>.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fit-30 ta' Novembru 2017<sup>3</sup>.
4. Fl-4 ta' April 2019, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess milħuq bejn l-istituzzjonijiet u, għaldaqstant, għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill<sup>4</sup>.

---

<sup>1</sup> 8633/17.

<sup>2</sup> ĠU C 129, 11.4.2018, p. 44.

<sup>3</sup> ĠU C 164, 8.5.2018, p. 62.

<sup>4</sup> 8061/19.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentant Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-ftehim tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 20/19, bħala punt "A" ta' laqgħa li jmiss, bid-Danimarka, l-Ungerija, in-Netherlands u s-Slovenja jivvotaw kontra, u l-Awstrija u l-Polonja jastjenu;
  - jiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet fl-addendum għal din in-nota għandhom jiddaħħlu fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---